Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' GIANMARCO TERNULLO u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi propjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 120A(2)(a) tal-Ordinanza dwar il-professjoni medika u l-professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat jista' jibqa' jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li jiddikjara l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inkluż salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lilu. B'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont ikunu qed jiġu perċepiti l-istess flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A u tal-Artikolu 120A(2)(a), tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

ARB/C077/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 24th June, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr JP Grech, LLD), with Compilation Number 5074/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

GIANMARCO TERNULLO, 25 years, son of Angelo and Guisi Fiorentino, born in Catania, on the 21st December, 2000, and residing at 64, Leeroy, Flat 24, Triq il-Ktajjen, Swieqi and holder of an Italian identity card bearing number CA42985IA.

The Court ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to GIANMARCO TERNULLO and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta and Article 120A(2)(a) of the Medical and Kindred Professions Ordinance, Cap. 31 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, after declaring the sources, monies and other modalities of income, including salary, wages, pension and social benefits paid to him. Provided that every financial entity is ordered to present a note by which it informs the Court in which account or from which account these moneys are taken.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A and Article 120A(2)(a), referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Illum 20 ta' Lulju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għal-Irkupru tal-Assi

Today 20th July 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1919

ARB/C081/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-6 ta' Ġunju, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Yana Micallef Stafrace, LLD). Kumpilazzjoni Numru 5709/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

MOWLID AHMED SALAH, 23 sena, iben Ahmed u Ħadra, imwieled fis-Somalja, fl-1 ta' Jannar, 2003, residenti fi 28, Triq Fra Diegu, Il-Marsa, Malta, u detentur ta' permess ta' residenza Maltija bin-numru 9003993A u dettalji tal-Pulizija bin-numru 20F-040 u b'indirizz reġistrat f'St Laurence, Flat 1, Triq is-Serkin, Il-Marsa, Malta.

Il-Qorti qed tordna Ordni ta' Qbid u Friżar u tissekwestra kif ukoll ordnijiet pendente lite, sabiex jiġu sekwestrati f'idejn terzi, b'mod ġenerali, il-flus kollha u kull proprjetà mobbli oħra dovuti lil, jew li jappartjenu lil, jew li huma tal-proprjetà ta' MOWLID AHMED SALAH, u sabiex l-imputat jiġi pprojbit milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar id-Drogi Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 16 ta' Lulju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ARB/C081/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 6th June, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Yana Micallef Stafrace, LLD). Compilation Number 5709/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

MOWLID AHMED SALAH, 23 years, son of Ahmed and Ħadra, born in Somalia, on the 1st January, 2003, and residing at 28, Triq Fra Diegu, Marsa, Malta, and holder of Maltese residence permit, bearing number 9003993A and Police person details number 20F-040 and with registered address at St Laurence, Flat 1, Triq is-Serkin, Marsa, Malta.

The Court issued a Seizure and Freezing Order and orders pendente Lite that there be attached in the hands of third parties in general all monies and other movable property due or pertaining or belonging to MOWLID AHMED SALAH and further to prohibit the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance Cap. 101 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the Court order mentioned in Article 22A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 16th July, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1920

ARB/C078/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-8 ta' Lulju, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD), Kumpilazzjoni Numru 561/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

PRISCILLA VELLA, ta' 42 sena, bint Carmel Vella u Yvonne Vella xebba' Bugeja, imwielda f'Tal-Pietà, Malta, fil-26 ta' Mejju, 1984, u residenti f'C6, Flat 5, Triq Mahatma Gandhi, Il-Fgura, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 263484M.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' PRISCILLA VELLA u pprojbietha milli tittrasferixxi, tagħti b'rahan, tipoteka jew xort'oħra tiddisponi minn xi propjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 5 tal-Att Kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta kif huma applikabbli bl-Artikolu 36, tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputata tista' tibqa' tirċievi l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, disa' mija u ħamsa u erbgħin ewro (€21,945) fis-sena, wara li tiddikjara l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inkluż salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lilha.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 23A, Artikolu 5 u tal-Artikolu 36, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 20 ta' Lulju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għal-Irkupru tal-Assi

ARB/C078/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 8th July, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD), with Compilation Number 561/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

PRISCILLA VELLA, 42 years, daughter of Carmel Vella and Yvonne Vella née Bugeja, born in Tal-Pietà, Malta, on the 26th May, 1984, and residing at 'Block C6, Flat 5, Triq Mahatma Gandhi, Fgura, and holder of an Maltese identity card bearing number 263484M.

The Court ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to PRISCILLA VELLA and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta which is made applicable by Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of twenty one thousand, nine hundred, forty five euros (€21,945) per year, after declaring the sources, monies and other modalities of income, including salary, wages, pension and social benefits paid to her.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 23A and Article 5 and Article 36, referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 20th July 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1921

ARB/C079/2026 – ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fid-9 ta' Lulju, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Nadia H. Vella, LLD), Kumpilazzjoni Numru 2670/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta
Kontra

SEB ROBERTO CIANCIO, ta' 23 sena, iben Gino Henry Ciancio u Ada Margaret xebba' Lockhar, imwieled l-Iskozja, fl-1 ta' Mejju, 2002, u residenti f'186, Triq Santa Katarina, Ħal Qormi, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 454724L.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' SEB ROBERTO CIANCIO u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi propjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 5 tal-Att kontra il-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A u tal-Artikolu 120A(2)(a), tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 16 ta' Lulju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għal-Irkupru tal-Assi

ARB/C079/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 09th July, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Nadia H. Vella, LLD), with Compilation Number 2670/2026, in the case:

The Republic of Malta
Versus

SEB ROBERTO CIANCIO, 23 years, son of Gino Henry Ciancio and Ada Margaret née Lockhar, born in Scotland, on the 1st May, 2002, and residing at 186, Triq Santa Katarina, Ħal Qormi, and holder of an Maltese identity card bearing number 454724L.

The Court ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to SEB ROBERTO CIANCIO and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A and Article 120A(2)(a), referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 16th July 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1922

B'digriet tal-10 ta' Lulju, 2026, mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazżjoni (Kap. 12).

B'rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' Mejju, 2026, minn HSBC Bank Malta plc (C3177) Subbasta

By a decree given on the 10th July, 2026, by the Civil Court, First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court, First Hall, on the 22nd May, 2026, by HSBC Bank Malta plc (C3177)

bin-numru 29/2026 fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc (C3177) vs Christian Magri (KI 321885M) u Lara Camilleri (KI 123386M) qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

a) Il-maisonette bin-numru mija u disgħa (109) (qabel immarkat mhux uffiċjalment bin-numru ħamsa (5)) bl-isem La Vallee, sitwat fil-livell elevated groundfloor, u formanti parti minn blokk ta' maisonettes u kumpless ta' garaxxijiet. Il-maisonette għandu aċċess separat tiegħu fuq Triq Pedidalwett, High Ridge Residence, il-Madliena, is-Swieqi, liberu u frank filwaqt li jgawdi u huwa suġġett għal dawk is-servituwijiet attivi u passivi kif riżultanti l-pożizzjoni tiegħu fil-binja u jgawdi servitù ta' passaġġ tas-servizzi neċessarji, pajpijiet, drains, wiring ġewwa x-xafts interni tal-blokka u l-kumpless ta' garaxxijiet, kif deċiżi mill-venditur oriġinali dment li tali servizzi installati huma konformi mal-prassi standard tal-bini. Il-maisonette igawdi u huwa suġġett għas-servitù reċiproku li l-ebda parti tal-blokka ma tistax tintuża għal skopijiet kummerċjali jew industrijali;

b) Il-garaxx numru ħamsa (5) ittra A (5A) sitwat fil-livell basement level minus 2 (-2) f'kumpless ta' garaxxijiet sottostanti l-imsemmi maisonette aċċessibbli minn rampa komuni, bi drive way li tagħti fuq Triq Pedidalwett, High Ridge Residence, il-Madliena, is-Swieqi, liberu u frank, filwaqt li jgawdi l-użu perpetwu u mhux interrott tal-partijiet komuni tal-kumpless ta' garaxxijiet. Il-garaxx igawdi u huwa suġġett għal dawk is-servitujiet attivi u passivi kif riżultanti l-pożizzjoni tiegħu fil-binja u jgawdi servitù ta' passaġġ tas-servizzi neċessarji, pajpijiet, drains, wiring fix-xafts interni tal-blokka u l-kumpless ta' garaxxijiet, kif deċiżi mill-venditur oriġinali dment li tali servizzi installati huma konformi mal-prassi standard tal-bini.

L-imsemmija maisonette u garaxx huma formanti blokka li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq il-Pedidalwett, mill-Lvant ma' proprjetà ta' JA & M Properties Ltd jew is-suċċessuri tagħhom fit-titlu u min-Nofsinhar ma' Wied Mejxu u dan kif deskritti aħjar fl-atti tan-Nutar Joe Cilia datat sbatax ta' Novembru, tas-sena elfejn u erbatax (17.11.2014)

L-imsemmija proprjetà tappartjeni lil Christian Magri (KI 321885M) u Lara Camilleri (KI 123386M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 21 ta' Lulju, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Judicial Sale file number 29/2026 in the names HSBC Bank Malta plc (C3177) vs Christian Magri (ID 321885M) and Lara Camilleri (ID 123386M) is being asked that the Court orders the sale by auction of the:

a) The maisonette numbered one hundred and nine (109) (previously marked un officially with number five (5)), named La Vallee, situated at the elevated groundfloor level, and forming part of a block of maisonettes and garages complex. The maisonette has its separate access from Triq Pedidalwett, High Ridge Residence, Madliena, Swieqi, free and unencumbered whilst enjoys and is subject to the active and passive servitudes resulting from its position in the building and enjoys from the servitude of the passing of the necessary Services, pipes, drains, wiring inside the internal shafts of the block and the garages complex, as decided by the original vendor as long as the said installed services comply with the standard building practice. The maisonette enjoys and is subject to the reciprocal servitude that no part of the building can be used for the commercial or industrial use;

b) The garage numbered five (5) letter A (5A) situated at the basement level at level minus 2 (-2) in the garages complex underlying the said maisonette accessible from a common ramp, with a drive way that abutts onto Triq Pedidalwett, High Ridge Residence, Madliena, Swieqi, free and unencumbered, while it enjoys from the perpetual and non interrupted use of the common part of the garages complex. The garage enjoys and is subject to the active and passive servitudes resulting from its position in the building and enjoys from the servitude of the passing of the necessary services, pipes, drains, wiring inside the internal shafts of the block and the garages complex, as decided by the original vendor as long as the said installed services comply with the standard building practice.

The said maisonette and garage form part of the block bounded North with Triq il-Pedidalwett, East with property of JA & M Properties Ltd or their successors in title, and South with Wied Mejxu and this as better described in the acts of Notary Joe Cilia dated seventeenth of November, of the year two thousand and fourteen (17.11.2014)

The said property belongs to Christian Magri (ID 321885M) and Lara Camilleri (ID 123386M).

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 21st July, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1923

B'digriet tas-17 ta' Lulju, 2026, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika lil Lara

By a decree given on the 17th July, 2026, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service to Lara

Investments Ltd (C 4441), Stephen Muscat (KI 264371M) u Maria Muscat (KI 439369M), skont l-artiklu 187 (5) u 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-17 ta' Marzu, 2026, fuq rikors ta' Victor Camilleri (KI 581757M) et ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, l-1 ta' Settembru, 2026, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Gustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

1. Il-fond kummerċjali bla numru u bla isem fi Triq Ġużeppi Calleja, L-Iklin, b'entratura kantuniera ta' bejn Triq Ġużeppi Calleja u Triq Dun Karm mibnija fuq sit li qabel kien okkupat mill-fond li kien jismu 'Danian' u blokk flats li hi proprjetà ta' Lara Investments Limited. Din il-proprjetà hija mibnija fuq żewġ livelli tal-ground floor kif ukoll il-basement level b'aċċess minn taraġ intern u tmiss mil-Lvant ma' Triq Ġużeppi Calleja, min-Nofsinhar ma' Triq Dun Karm u mit-Tramuntana u mill-Punent ma' proprjetà ta' terzi, libera u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha u stmata li tiswa tliet mija u elfejn ewro (€302,000);

2. L-appartament internament bin-numru tnejn (2) sitwat fis-second floor level formanti parti minn blokk ta' żewġ appartamenti f'numru tmienja u sittin (68) fi Triq l-Ilqugħ Is-Swieqi, ġja riferut bħala limiti ta' San Ġiljan, liema blokka tifforma parti minn kumpless tas-sitt appartamenti magħrufa bħala 'Lacon Flats' fi Triq l-Ilqugħ, fis-Swieqi, u konfinanti mil-Lvant ma' Triq l-Ilqugħ, min-Nofsinhar ma' beni tal-aventi kawża ta' Stanley Joseph u mit-Tramuntana mal-aventi kawża ta' Agnes Martha Darkin jew irjieħ verjuri u jgawdi l-komunjoni mal-appartament sottopost il-partijiet komuni tal-blokka li huma l-bieb prinċipali, entratura, taraġ, indani u drains però eskluż il-bejt u l-arja sovrapost għall-appartament numru tnejn (2), suġġett iżda għad-dritt ta' aċċess fuq il-bejt favur is-sid tal-appartament numru wieħed (1) sabiex jinstalla aerial tat-televixin u tank tal-ilma u sabiex jagħmel il-manutenzjoni u tiswija tal-istess tank tal-ilma u aerial tat-televixin, u l-Garaxx numru sebgħin (70) fi Triq l-Ilqugħ, Is-Swieqi, sottopost għall-blokk ta' flats u jinsab fuq in-naħa tal-lemin meta wieħed iħares lejn il-blokka minn Triq l-Ilqugħ u konfinanti mil-Lvant ma' Triq il-Ilqugħ, min-Nofsinhar ma' beni tas-suċċessuri fit-titolu ta' Island Properties Limited u mit-Tramuntana mal-entratura u taraġ li jagħtu aċċess għaż-żewġ appartamenti stmati li jiswew ħames mija u ħamsin elf ewro (€550,000).

L-imsemmija garaxx u appartament huma suġġetti għas-subċens annwu u perpetwu ta' mija u disgħa u tletin ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€139.76) pagabbli kull l-ewwel jum ta' Lulju kull sena;

Investments Ltd (C 4441), Stephen Muscat (ID 264371M) and Maria Muscat (ID 439369M) according to Article 187 (5) and 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 17th March, 2026, on the application of Victor Camilleri (ID 581757M) et, Thursday, 1st September, 2026, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room number 78 nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

1. The unnumbered and unnamed commercial premises in Triq Ġużeppi Calleja, Iklin, with corner entrance between Triq Ġużeppi Calleja and Triq Dun Karm built on a site previously that was previously occupied by the tenement named 'Danian' and block of flats property of Lara Investments Limited. This property is built on two levels of the ground floor as well as the basement level with access from internal stairs and bounded on the east by Triq Ġużeppi Calleja, on the south by Triq Dun Karm and on the north and west by third parties' properties, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances and valued at three hundred and two thousand euro (€302,000);

2. The apartment internally numbered two (2) situated on the second floor level forming part of a block of two apartments number sixty eight (68) in Triq l-Ilqugħ, Swieqi, has been referred to as limits of St Julian's, which block forms part of a complex of six apartment known as 'Lacon Flats' in Triq l-Ilqugh, in Swieqi, and bounded on the east by Triq l-Ilqugħ, on the south by property belonging to the estate of Stanley Joseph and on the north by the estate of Agnes Martha Darkin or more accurate boundaries and enjoys the common parts with the other apartments underlying the common parts of the block which are the main door, entrance, stairs, landing and drains but excluding the roof and the overlying airspace of apartment number two (2), subject but for the right of access to the roof in favour of the owner of apartment number one (1) to install a television aerial and water tank and to carry out maintenance and repair of the same water tank and television aerial, and the Garage number seventy (70) in Triq l-Ilqugh, Swieqi, underlying the block of flats and is on the right hand side when one looks at the block from Triq l-Ilqugħ and bounded on the east by Triq il-Ilqugħ, on the south by the successors in title of Island Properties Limited and on the north by entrance and stairs that give access to the two apartments valued at five hundred and fifty thousand euro (€550,000).

The said garage and apartment are subject to annual and perpetual ground rent of one hundred and thirty nine euro and seventy six cents (€139.76) payable every first day of July of every year;

3. Il-Penthouse fil-livell third floor aċċessibbli minn entratura komuni bin-numru uffiċjali wieħed (1) fi Triq Ġiuseppe Calleja kantuniera ma Triq Dun Karm Psaila, L-Iklin u tmiss mil-Lvant ma' Triq Ġużeppi Calleja, min-Nofsinhar ma' Triq Dun Karm u mit-Tramuntana kif ukoll mill-Punent ma' proprjetà ta' terzi stmata li tiswa mitejn u disgħin elf ewro (€290,000);

4. Il-Flat immarkat bin-numru sebgħa (7) fil-fourth floor level sovrastanti proprjetà ta' terzi u b'aċċess minn entrata komuni bi numru ħamsa u tletin (35) bl-isem 'Sprettu Buildings' f'Labour Avenue, In-Naxxar liberu u frank bid-drittijiet u ġustijiet u pertinenzi kollha tiegħu, mingħajr l-arja relattiva, inkluż sehem indiviż tal-partijiet komuni tal-blokk fosthom l-entrata, it-tromba tat-taraġ, il-pjanijiet, it-taraġ u l-indani, komunikazzjoni tad-drains u drenaġġ però mingħajr il-bejt bil-kundizzjni li s-sidien tal-bejt jipprovdu s-servizzi eżitenti fuq l-ogħla bejt a spejjeż tagħhom f'każ li jinbdew sulari oħra fuq il-bejt u inkluż id-dritt li jinżamm tank tal-ilma u aerial tat-televixin fuq l-ogħla bejt u dritt għall-aċċess tagħhom f'każ ta' manutenzjoni jew riparazzjoni u stmat li jiswa tliet mija u disgħin elf ewro (€390,000) .

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Lara Investment Limited (C4441).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta numru 12/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 21 ta' Lulju, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. The Penthouse on the third-floor level accessible from a common entrance officially number (1) in Triq Ġiuseppe Calleja corner with Triq Dun Karm Psaila, Iklin, and bounded on the East by Triq Ġużeppi Calleja, on the south by Triq Dun Karm and on the north and as well on the west by third parties' property, valued at two hundred and ninety thousand euro (€290,000);

4. The flat marked with the number seven (7) on the fourth floor level overlying third parties property and with access from a common entrance with number thirty five (35) named 'Sprettu Buildings' in Labour Avenue, Naxxar, free and unencumbered and with all its rights and appurtenances, without its airspace, including an undivided share of the common parts of the block including the entrance, stairwell, landings, the stairs, the landings of the stairs, the communication of drains and drainage but without the roof, with the conditions that the owners of the roof provide the existing services on the highest roof at their expenses in case that other floors are built on the roof and including the right to keep a water tank and television aerial on the highest roof and right to their access in case of maintenance and repairs and valued at three hundred and ninety thousand euro (€390,000) .

The said tenement is the property of Lara Investment Limited (C4441).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 12/2023.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 21st July, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1924

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fil-21 ta' Lulju, 2026, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fil-21 ta' Lulju, 2026, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lid-direttarji/suċċessuri fit-titlu li llum huma persuni mhux magħrufa għal konċessjoni taċ-ċens intitolati sabiex jirċievu ċ-ċens indikat, u dan fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u fidi ta'

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 21st of July, 2026, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below in terms of article 931 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By a decree given on the 21st of July, 2026, it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the directors/successors in title who are currently unknown persons for the concession of ground rent entitled to receive the specified ground rent, in the proceedings concerning the

ċens, liema ċedola ġġib in-numru 214/2026 NCD fl-ismijiet 'Abelands Limited vs Kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lid-direttarji/suċċessuri fit-titlu li llum huma persuni mhux magħrufa għal konċessjoni taċ-ċens intitolati sabiex jirċievu ċ-ċens indikat' u ċoè l-persuni intitolati sabiex jirċievu ċ-ċens annwu u perpetwu indikat fl-istess ċedola ppreżentata fit-8 ta' Lulju, 2026, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-atti l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

L-immobbli oġġett ta' din iċ-ċedola huwa:

Territorju tal-kejl ta' ċirka mitejn u wieħed u tmenin metri kwadri (281 m.k.) fil-limiti tax-Xagħra, Għawdex, konfinanti min-Nofsinhar mat-Triq il-Knisja, u mill-bnadi l-oħra kollha ma' proprjetà ta' terzi injoti jew irjieħ aktar korretti. Illi l-istess proprjetà hija aħjar murija fuq is-site plan annessa u mmarkat bħala Dokument 'A'.

Illi l-esponenti kienet xtrat il-proprjetà fuq imsemmija mingħand MaryAnne Camilleri, MaryAnn Sultana, Carmel and Mary Borg Family Trust, Margaret Velazques, Agnes Rose Saucedo, Victor Borg, Salvatore Borg, Anthony Borg, Joseph Borg, Charles Borg, Salvatore Luigi Anthony Buhagiar, Nazzareno sive Nazzarenus Sultana, Emanuel Sultana, Carmen Sultana, George Sultana, George Sultana, Victor Joseph Sultana, Salvina Mary sive Sylvia Sultana, Marilynn Sultana Gallick, permezz ta' att ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dott. Maria Pisani datat it-tmienja ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (8-6-2021), minn liema att tirriżulta provenjenza ulterjuri;

Illi fil-kuntratt tal-akkwist tal-esponenti tal-istess proprjetà, din dejjem ġiet deskritta bħala libera u franka.

Iżda f'kuntratt tal-predeċessuri fit-titolu, fil-kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Dott. Francesco Gauci, datat 29 ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u wieħed u erbgħin kien ġie indikat li l-istess proprjetà hija possibbilment suġġetta għal xi ċens. Kopja tal-istess kuntratt qiegħed jiġi anness u mmarkat bħala Dokument 'B';

Illi fuq l-istess kuntratt ġie indikat li l-proprjetà hija suġġetta għal ħlas ta' ċens perpetwu ta' żewġt soldi u sitt ħabbiet (-/2 ½) fis-sena li hija ekwivalenti għal Lm0.0104167, li huma ekwivalenti għal €0.0242643 tal-munita ewro.

Għaldaqstant, l-esponenti tixtieq tifdi kwalsijasi ċens li jista' jkun għadu gravanti l-proprjetà supra indikata u dan fl-intier tiegħu limitatament għal proprjetà tagħhom indikata u deskritta aħjar aktar 'il fuq;

Illi l-ammont taċ-ċens approssimattiv indikat fil-kuntratt fuq imsemmi huwa ta' tliet ċenteżmi tal-ewro (€0.03);

schedule of deposit and redemption of ground rent bearing number 214/2026 NCD in the names 'Abelands Limited vs Deputy Curator representing the directors/successors in title who are currently unknown persons for the concession of ground rent entitled to receive the specified ground rent', namely, the persons entitled to receive the annual and perpetual ground rent specified in the said schedule filed on the 8th of July, 2026, in the Court of Magistrates (Gozo) (Superior Jurisdiction, General Section) and in all other relative and subsequent proceedings.

The immovable property subject to this schedule is:

A plot of land measuring approximately two hundred and eighty-one square metres (281 sq.m.) situated within the limits of Xagħra, Gozo, bordering to the south on Triq il-Knisja, and on all other sides on property belonging to unknown third parties or, more accurately, on open boundaries. The said property is better illustrated on the attached site plan and marked as Document 'A'.

The applicant purchased the aforementioned property from MaryAnne Camilleri, MaryAnn Sultana, Carmel and Mary Borg Family Trust, Margaret Velazques, Agnes Rose Saucedo, Victor Borg, Salvatore Borg, Anthony Borg, Joseph Borg, Charles Borg, Salvatore Luigi Anthony Buhagiar, Nazzareno sive Nazzarenus Sultana, Emanuel Sultana, Carmen Sultana, George Sultana, George Sultana, Victor Joseph Sultana, Salvina Mary sive Sylvia Sultana, Marilynn Sultana Gallick, by means of a deed of sale drawn up by Notary Doctor Maria Pisani dated the eight of June of the year two thousand and twenty one (8-6-2021), from which deed the further chain of title is evident;

In the contract whereby the applicant acquired the said property, it was always described as being free and unencumbered.

However, in a contract of the predecessors in title, in the contract drawn up by Notary Dr Francesco Gauci dated the 29th of March of the year one thousand nine hundred forty one it was indicated that the property in question may be subject to ground rent. A copy of that contract is annexed and marked as Document 'B';

Whereas the same contract indicates that the property is subject to the payment of a perpetual ground rent of two soldi and six ħabbiet (-/2 ½) per annum which is equivalent to Lm0.0104167, which is equivalent to €0.0242643 of the euro currency.

Therefore, the applicant wishes to redeem any ground rent that may still encumber the aforementioned property and this in its entirety limited to their property as indicated and better described above;

Whereas the approximate ground rent amount indicated in the said contract is three euro cents (€0.03);

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti għal kull bon fini jeħtieġu jiddepożitaw ukoll kwalsijasi arretrati li jistgħu jkunu dovuti (u li ma humiex preskritti skont il-liġi) u dan tal-aħħar tletin sena ċens u dan għalhekk jammonta għal disgħin ċenteżmu tal-ewro (€00.90);

Illi fit-tieni lok, l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakultà li tipprovdi l-liġi ai termini tal-Artikolu 1501 tal-Kap. XVI tal-Liġijiet ta' Malta u tirredimi dan iċ-ċens (gravanti l-porzjonjiet art fuq imsemmija) fl-intier tiegħu illi kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) jammonta għal sittin ċenteżmu tal-ewro (€00.60);

Illi fit-tielet u l-aħħar lok, l-esponenti qiegħda wkoll għal kull bon fini tiddepożita l-lawdemju li jista' jkun dovut meta l-esponenti akkwistat il-proprjetà, u dan fl-ammont ta' tliet ċenteżmi tal-ewro (€0.03).

Għaldaqstant l-esponenti qiegħda umilment tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tal-istess tgħaddi sabiex tiddepożita s-somma totali ta' ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu tal-ewro (€1.53) minn liema ammont is-somma ta' disgħin ċenteżmu tal-ewro (€00.90) rappreżentanti l-arretrati, is-somma ta' sittin ċenteżmu tal-ewro (€00.60) rappreżentanti l-prezz tal-fidi ta' dan iċ-ċens (gravanti l-proprjetà tal-esponenti kif indikata fuq il-pjanti) annwu u perpetwu; u s-somma ta' tliet ċenteżmi tal-ewro (€0.03) rappreżentanti l-lawdemju, sabiex jingħataw liberament lill-intimat wara li tiġi rilaxxjata d-debita riċevuta skont il-liġi.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Natalino Caruana De Brincat, LLD (Melit.), MBA, LLM (Leics.), Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 21 ta' Lulju, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Whereas, firstly, as a precautionary measure, the applicant is also required to deposit any arrears that may be due (and that are not time-barred by law) for the last thirty years of ground rent, and therefore this amounts to ninety euro cents (€0.90);

Whereas, secondly, the applicant wishes to exercise the right provided by law under Article 1501 of the Cap. XVI of the Laws of Malta, and redeems this ground rent (burdening the aforementioned portions of land) in its entirety which capitalized at the rate of five per cent (5%), amounts to sixty euro cents (€0.60);

That, thirdly and finally, the applicant is also depositing, for all due purposes, the laudemium that may be due when the applicant acquired the property, and this in the amount of three euro cents (€0.03).

Therefore, the applicant humbly petitions this Honourable Court and, under its authority, proceeds to deposit the total sum of one euro and fifty-three euro cents (€1.53) from which amount the sum of ninety euro cents (€0.90) representing arrears, the sum of sixty euro cents (€0.60) representing the price of the annual and perpetual redemption of this ground rent (burdening the applicant's property as indicated on the plans), and the sum of three euro cents (€0.03) representing the laudemium, to be paid freely to the respondent upon the issuance of the requisite receipt in accordance with the law.

You, executive officer of the Court of Magistrates (Gozo) are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and thereby summon anyone who wants to enter as a curator to appear within a period of six (6) days in this Registry and make a note declaring that they so accept.

You are also ordered to inform one and all that if they do not make this declaration within the time given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above, with the testimony of Magistrate Doctor Natalino Caruana De Brincat, LLD (Melit.), MBA, LLM (Leics.), a Magistrate of the aforementioned Court.

This 21 of July, 2026

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals